# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 8 ta' Gunju 2000**

**Citazzjoni numru 168/99G1(MM)**

**Dennis u Carmelina sive Melina konjugi Borg**

**vs**

**Nutar Michael Refalo bhala mandatarju ta' l-imsiefra Elisabeth sive Penny Laming**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fit-13 t'Ottubru ta' l-elf disa' mija disgha u disghin (1999) fejn wara li ppremettew illi:

Fis-27 ta' Mejju ta' l-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) mietet f'Victoria, Ghawdex, Amy Roberta Wood armla ta' Edwin Perry Wood kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt anness mac-citazzjoni (Dokument "A");

U illi l-istess Amy Roberta Wood kienet stipulat l-ahhar disposizzjonijiet testamentarji taghha permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tat-2 ta' Novembru ta' l-elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) kopja ta' liema testment hija annessa mac-citazzjoni (Dokument "B");

U illi permezz ta' l-imsemmi testment l-imsemmija Amy Roberta Wood irrevokat kwalunkwe disposizzjoni testamentarja precedenti taghha;

U illi sussegwenti ghal dan it-testment, it-testatrici Amy Roberta Wood m'ghamlet l-ebda testment iehor kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji annessi mac-citazzjoni (Dokument "C" u "D" rispettivament);

U illi l-istess testatrici Amy Roberta Wood fl-imsemmi testment fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tat-2 ta' Novembru ta' l-elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) halliet b'titolu ta' legat lill-atturi l-imsemmija konjugi Borg l-appartament immarkat internament bin-numru ghaxra (10) u bl-isem ta' "Broadacres" fi Triq il-Madonna ta' Fatima fin-Nadur, bil-kontenuti kollha *a limine intus* barra l-kotba tal-bank u titli ta' flus kif ukoll nofs id-depoziti bankarji u titli ta' flus kemm lokali kif ukoll barranin u dana bhala kumpens ghal bosta servigi li l-imsemmija atturi rrendew lit-testatrici u lil mejjet zewgha ghal bosta snin;

U illi bl-istess testment, l-istess testatrici Amy Roberta Wood hatret lill-konvenuta Elisabeth sive Penny Laming, l-unika bint taghha, bhala l-eredi universali taghha;

U illi l-atturi interpellaw lill-konvenuta Elisabeth sive Penny Laming permezz ta' ittra ufficjali fit-13 ta' Awissu ta' l-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) sabiex jigu immessi fil-pussess ta' l-istess legat izda l-konvenuta qieghda tirrifjuta ghax fost affarijiet ohra qieghda tghid illi fl-imsemmi testment m'hemmx dikjarazzjoni esplicita li l-legat li thalla lill-atturi Borg kien *legato di cosa altrui* u peress illi ghadha ma ddecidietx taccettax l-istess wirt sakemm jigi deciz jekk tali legat hux validu jew le;

U illi l-pretensjonijiet tal-konvenuta huma infondati stante illi l-mejjet zewg it-tetstatrici Edwin Perry Wood, kien halla l-eredità kollha tieghu lit-testatrici permezz ta' testment redatt fl-20 ta' Marzu ta' l-elf disa' mija u tmenin (1980) fil-belt ta' Gloucester, l-Ingilterra, kopja ta' liema testment hija allegata mac-citazzjoni u mmarkata Dokument "E";

U illi l-konvenuta kif debitament rapprezentata accettat l-istess wirt ta' Amy Roberta Wood meta talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 100/98 kontra l-atturi odjerni sabiex ma jidhlux fil-fond imsemmi kif ukoll mandat ta' deskrizzjoni tal-fond imsemmi numru 965/98 fil-kwalità taghha ta' proprjetarja ta' l-istess fond fis-6 u fit-12 ta' Awwissu ta' l-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) rispettivament;

U illi in vistà ta' dina l-opposizzjoni, l-atturi prezentaw rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-istess konvenuta fit-13 ta' Awissu ta' l-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) fl-ismijiet premessi, liema mandat igib in-numru 104/98, halli *inter alia* jzommuha milli tbiegh, tittrasferixxi jew tassenja bi kwalunkwe titolu l-fond imsemmi kif ukoll l-oggetti l-ohra legati bl-istess testment, liema mandat gie degretat fil-5 t'Ottubru ta' l-elf disa' mija disgha u disghin (1999) u ezegwit fis-7 t'Ottubru ta' l-elf disa' mija disgha u disghin (1999).

U illi l-atturi jixtiequ illi jircievu l-oggetti lilhom imhollija bil-legat fit-testment imsemmi ossija jigu immessi fil-pussess ta' l-imsemmi legat u ghalhekk qeghdin jistitwixxu kawza ghal dan l-iskop bid-dikjarazzjoni espressa illi din il-kawza qeghda tigi istitwita in sostenn ta' l-imsemmi mandat.

Talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tistabbixxi l-oggetti kollha mobbli u immobbli li huma l-oggett ta' legat imholli lill-atturi mit-testatrici Amy Roberta Wood permezz ta' l-imsemmi testment fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tat-2 ta' Novembru 1995;

2. Tikkundanna lill-konvenuta illi tghaddi lill-atturi ossija timmetti in pussess lill-istess atturi l-oggetti kollha immobbli u mobbli hekk stabilit li lilhom gew legati fit-testment imsemmi tat-testatrici Amy Roberta Wood fi zmien perentorju iffissat minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali tat-13 ta' Awissu ta' l-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 104/1998;

Bl-imghax legali fuq il-flus u t-titli l-ohra mid-data tal-mewt sad-data tal-hlas effettiv u fuq il-fond imsemmi mit-13 ta' Awissu 1998 sad-data tal-hlas effettiv, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn eccepixxa:

1. Illi in linea preliminari hija ta' ostakolu ghall-kawza odjerna, il-kawza gia pendenti bejn l-istess partijiet fl-ismijiet inversi, Citazzjoni numru 162/98, differita ghall-21 ta' Marzu 2000, leima kawza hija kawza ta' spoll privileggjat fejn l-esponenti qieghed jitlob

illi l-atturi odjerni jirripristinaw l-ispoll allegatament kommess minnhom dwar l-istess immobbli ghad-dannu ta' l-esponenti. Ghaldaqstant l-esponenti qieghed minn issa jissolleva l-eccezzjoni ta' *litispendentia*;

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa ta' ostakolu wkoll ghal din l-azzjoni il-kumulu tal-gudizzju in kwantu ghalkemm l-atturi iddepozitaw ic-cwievet tal-flat *de quo* fir-Registru tal-Qorti huma naqsu illi jirreintegraw lill-esponenti fil-pussess ta' l-istess flat minghajr rizervi, oltre illi naqsu wkoll illi jhallsu l-ispejjez kollha tal-kawza fuq citata;

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti nomine ghadu ma iddecidiex jekk jaccettax jew le l-wirt u successjoni ta' Amy Roberta Wood u ma huwiex sejjer jwettaq tali decizjoni sakemm ma jkunx gie determinat b'mod definittiv il-validità o meno, u l-portata tal-legat ordnat minnha;

4. Illi finalment, u dejjem minghajr pregudizzju, Amy Roberta Wood ma kienitx proprjetarja tal-fond illi hija halliet b'titolu ta' legat lill-atturi odjerni, u lanqas inkludiet dikjarazzjoni ai termini ta' l-artikolu 696 tal-Kodici Civili fl-artikolu relattiv, bil-konsegwenza illi dak il-legat huwa null u bla ebda effett;

5. Illi lanqas huwa korrett illi jinghad illi Edwin Perry Wood kien istitwixxa lil martu Amy Roberta Wood bhala eredi universali, tant illi anke matul hajjet l-istess Amy Roberta Wood is-successjoni tieghu giet miftuha favur bintu bis-sahha tal-*Grant of Probate* rilaxxjata l-Ingilterra, u qatt kontestata;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Mhux kontestat li l-kawza odjerna hi wahda possessorja principalment ghall-immissjoni tal-pussess ta' dak li l-atturi jghidu kien legat imholli lilhom fl-artikolu tlieta (III) tat-testment ta' Amy Roberta Wood tat-2 ta' Novembru ta' l-elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) in atti Nutar Paul George Pisani.  Lanqas ma hu kontestat, ghax ammess mill-istess attur fin-nota ta' l-osservazzjonijiet

tieghu tat-3 ta' April 2000 li l-oggett ta' dan il-legat hu l-mertu ta' kawza ta' spoll li ghadha pendenti quddiem din l-istess Qorti u li ggib in-numru 162/98 fl-ismijiet "Dottor Michael Refalo nomine versus Dennis Borg".

Hu ormai pacifiku fil-giurisprudenza li fil-pendenza ta' kawza ta' spoll ma jista' isir xejn li jzomm il-kors normali taghha qabel ma l-ispoljat jitqieghed fl-istatus quo ante. Hu ovvju li jekk din il-kawza tithalla tiehu l-kors taghha din tinnewtralizza u ggib fix-xejn il-kawza l-ohra precedentement istitwita dak illi hu legalment insostenibbli.

Illi ghalhekk hu l-kaz li din il-Qorti kif adita tissoprasjedi sakemm tinqata' definittivament l-azzjoni possessorja msemmija/ipotesi del resto ravvizata mill-istess atturi fl-imsemmija nota ta' l-osservazzjonijiet. Illi dan kollu però jghodd ghal kull talba attrici li b'xi mod taffettwa l-istanza ta' spoll fuq imsemmi kif taghmel it-tieni domanda tac-citazzjoni u ghalhekk ma tolqotx l-ewwel domanda attrici li hi intiza biss biex tiddetermina l-oggett tal-legat imholli fl-artikolu tlieta (III) tat-testment ta' Amy Roberta Wood tat-2 ta' Novembru 1995 (specjalment ghal dak illi huma l-*contents a limine intus*), u dan bla hsara ta' kull eventwali eccezzjoni dwar il-ksib ta' dan il-legat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, fis-sens tal-kunsiderazzjonijiet fuq elenkati, taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine billi tiddikjara li tissoprasjedi milli tisma' il-kawza ghall-finijiet tat-tieni domanda tac-citazzjoni sakemm tigi terminata definittivament il-kawza ta' spoll fl-ismijiet inversi pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta; u

2. Tordna t-tkomplija tal-kawza limitatament ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-ewwel domanda tac-citazzjoni; u

tiddiferixxi l-kawza ghas-smiegh tal-provi dwar din l-ewwel domanda.

L-ispejjez jigu riservati ghall-gudizzju finali.

(ft.) Michael Mallia
Magistrat

(ft.) Anthony Mizzi

Deputat Registratur

1320